MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2001

Numru. 235/2000
Kawza Numru. 23

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech )**
**- vs -**
**Saviour Camilleri ta' 19-il sena iben Salvu u Maryanne xebba Sultana li joqghod "American Paradise", Triq Gharb, Gharb, Ghawdex,**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 320495M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-12 ta' Mejju 2000 ghall-habta tad-9:15pm fi Pjazza President J.F.Kennedy, Rabat, Ghawdex, saq vettura Nru. EBB 609 ta' ghamla Hunter minghajr licenzja tas-sewqan taht grupp B li hija mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk gie li saq l-imsemmija vettura minghajr polza ta' assigurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni, (2) aktar talli naqas li jiehu l-prekawzjoni mehtiega meta kien hiereg ghal fuq it-Triq Fortunato Mizzi, Rabat, li hija wahda

principali, (3) aktar talli fl-istess data, hin, lok jew cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'velocita` accessiva jew b'giri aktar milli jmiss, (4) aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuraggni u b'nuqqas ta' tharis tar- regolamenti tat-traffiku jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu tas-sewqan habat ma' vettura Nru.CBD 046 u kkagunalha hsarat konsiderevoli ghad-dannu ta' Anthony Cauchi minn Ghajnsielem kif ukoll hsarat konsiderevoli fil-vettura EBB 609 ghad-dannu ta' missieru Saviour Camilleri, (5) aktar talli ghamel uzu mill-istess vettura minghajr il-kunsens ta' sidha.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija u barra il-piena stabbilita timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-zmien li l-istess Qorti jidrilha xieraq.

Semghet il-provi;

Semghet ir-rinunzja ta' Enrich Joe Cauchi u ta' Anthony Cauchi ghall-hsarat minnhom subiti. Ghalhekk il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit kwantu r-raba' u l-hames akkuzi;

Semghet ukoll l-ammissjoni ta' l-imputati fuq l-ewwel akkuza. Ghalhekk issib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza;

Wara li rat l-artikoli 15 (1) u 3 tal-Kap 104;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250);

Ma ssibux hati tat-tieni u t-tielet akkuzi fuq insufficjenza ta' provi u tilliberah minnhom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------